SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**L-EWWEL LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU GHAXRA**

**12 ta' April, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġwann li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-6.20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo u l-Membri Alfred Mangion, Robert Vella Bonnici u Janet Barthet.

**SKUZAT**

Il-Viċi *Chairperson* Peter Calleja.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Ic-*Chairperson* Dr Frank Bartolo ppresjeda.

**10.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

10.1.1 Il-Kumitat ikkunsidra l-Minuti tad-disa' laqgħa tal-Kumitat.

10.1.2 Il-Membru Alfred Mangion ressaq din il-mozzjoni:

10.1.3 "*Il-Kumitat japprova l-Minuti tad-disa' seduta kif imressqa.*"

10.1.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Membru Janet Barthet u approvata unanimament.

**10.2 Kommunikazzjoni miċ-*Chairperson***

10.2.1 Ic-Chairperson gharraf lil Membri li se ikollu laqgha mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

10.2.2 Fir-rigward tat-talba tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien hemm qbil unanimu li tigi sottomessa l-istemma ghal Kappara.

**10.3 Diskussjoni: L-offerta ta' tisbieħ fi Ġnien Ġ.M. Camilleri**

10.3.1 Dwar diskussjoni dwar l-urgenza li tigi deciza s-sejha tal-offerti, kien hemm qbil unanimu li ssir laqgha mal-Perit responsabbli, wara li rrizulta li l-offerent rakkomandat ma pprovdiex "sample" tal-bank kif kien rikjest, u dan anke billi kien l-istess Perit li ghamel notifika dwar dan fir-rapport tieghu.

10.3.2 Kien hemm qbil li tigi wkoll imwiegba ittra mibghuta mill-ELC dwar l-istess offerta.

10.3.3 Il-Kumitat rega sahaq illi se jkun hu illi jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet finali fuq din l-offerta sabiex titressaq ghal konferma mill-Kunsill, u dan wara li l-parir legali mehud wera car li l-Kumitat kien qed jimxi skont il-kriteriji tal-Ligi.

10.3.4 Fuq proposta tac-Chairperson, il-Kumitat qabel li jkun hemm bdil fl-ordni tal-gurnata billi jigi diskuss issa item numru 5 tal-agenda.

**10.5 Diskussjoni: Servizz ta' Gwardjani Lokali fiz-zona tac-Chiswick House School**

10.5.1 Saret diskussjoni dwar il-provista ta' gwardjani lokali fiz-zona tac-Chiswick House School, fejn kien hemm qbil unanimu li jkun hemm jigi pprovdut servizz ta' siegha filghodu waqt id-dhul u siegha waqt il-hrug tal-istudenti fi Triq Antonio Schembri.

10.5.2 Sabiex tigi mplimentata din id-decizjoni kien hemm qbil li ssir laqgha mal-Ufficjal Awtorizzat mis-sistema tal-infurzat tal-Ligi tal-Kumitat Kongunt.

10.5.3 Il-Kumitat kompla l-laqgha bir-raba item fuq l-agenda.

**10.4 Diskussjoni: Installazzjoni ta' bollards fi Triq Antonio Schembri u pendenzi ohra ma' TM**

10.4.1 Saret referenza ghal ittra ricevuta minghand TM fir-rigward ta' skip li qed tokkupa parking bay, fejn kien hemm qbil li tigi mibghuta risposta lura.

10.4.2 Il-Kumitat kien infurmat li b'kuntrast mal-ittra mibghuta minn TM, l-istess awtorita baqghet ma tat l-ebda risposta dwar il-proposti l-ohra tal-Kumitat, fosthom dawk ghal bus and coach free zone u z-zebra crossing fi Triq Birkirkara.

10.4.3 Wara li l-Kumitat sema l-izviluppi fir-rigward tal-installazzjoni ta' bollards fi Triq Antonio Schembri, kien hemm qbil unanimu li tigi mibghuta korrispondenza lil TM dwar il-pendenzi kollha nkluz l-istallazzjoni tal-imsemmija bollards.

10.4.4 F'dan l-istadju, saret diskussjoni dwar il-hrug ta' offerti li ghandu l-Kunsill, li kienu ghas-servizzi ta' tindif tat-toroq, manutenzjoni tat-toroq, zamma u manutenzjoni tal-gonna pubblici u soft areas u polza ta' assigurazzjoni.

10.4.5 Il-Membru Alfred Magion ressaq din il-mozzjoni :

*10.4.6 'Il-Kumitat jaqbel li minn issa 'il quddiem kull offerta li tinhareg ghal servizzi relatati mal-Kappara, jinbdew jinhargu offerti separati u li jkunu esklussivament jitrattaw il-konfini li taghhom hu responsabbli l-Kumitat.'*

10.4.7 Din il-mozzjoni kienet issekondata mic-Chairperson u ghaddiet unanimament.

10.4.8 Kien hemm qbil li l-Membri jisottomettu lista ta' toroq sabiex isiru refreshing tas-sinjali tat-toroq fl-iskema li l-Kunsill se jaghmel bil-haddiema tal-IPSL.

10.4.9 Il-Kumitat qabel li l-Pulizija jkunu nfurmati bil-periklu ta' plot fi Triq ir-Russett kif ukoll diversi siti ohra, kif ukoll dwar diversi djar li ghandhom sigar li huma ta' periklu peress li qed jostakolaw l-access pubbliku.

10.4.10 Il-Kumitat innota li l-Chairperson kien ghadda artiklu lil Editur tal-magazin tal-Kunsill, liema artiklu ma kienx ippublikat.

10.4.11 Iċ-*Chairperson* għalaq il-laqgħa fis-7.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __  Mejju, 2011

<table>
<tr><td>Dr Frank Bartolo<br>Chairperson</td><td>Adrian Mifsud<br>Segretarju Eżekuttiv</td></tr>
</table>